# LIL MIN JGĦINU IL-PARROĊĊI PERMEZZ TAD- DJAKONIJA

Il-Parroċċi Maltin matul is-sena jgħinu madwar 1300 familja permezz tal-ħidma tad-djakonija. Dawn ivarjaw minn anzjani li jkollhom bzonn l-għajnuna minħabba li ma jkunux għadhom jifilħu, għal nies li biex jibqgħu jgħixu fil-komunità ikollhom bżonn is-sostenn ta l-istess komunità. Il-Kċina ta' Marta qassmet 50,000 ikla bnina matul l-2023.

Dar dar. Bil-ħidma tal-volontiera li jagħtu siegħa jew 2 fil-ġimgħa.

Oħrajn jiġu akkumpanjati għand professjonisti skond il-bżonn. Mediċini, ikel, ħwejjeġ, uniformijiet, lunches, riżorsi għall-iskola, naħdmu dejjem id f'id ma professjonisti mill-komunità biex l-għajnuna tagħna tkun dejjem parti minn pjan sabiex il-persuna fil-bżonn ma tingħatax biss il-ħuta biex tiekol, imma fuq kollox tiġi mgħallma tistad!









# Jane sabet ruħha bla saqaf. Kellha xi tgħid ma żewġha u telqet mid-dar b'ta fuqha senduqha. Ma kinitx taf x'se taqbad tagħmel. Ma riedet b'xejn tgħid lil qraba, u lanqas lil tax-xogħol.

Iltaqgħu magħha koppja anzjani waqt li kienu jippassiġġaw u talbithom jekk jistgħux jixtrulha x'tiekol. Hekk għamlu imma qalulha wkoll li se jkellmu lil waħda li jafu mill-parroċċa li tkun tistà tgħinha. Jane ma rrifjutatx. Semgħuha, għamlulha appuntament ma' ħaddiema soċjali, ma riditx tmur f'xelter għax beżgħet li jagħrfuha u jsiru jafu tad-dar. Kienet sabet rokna hdejn numru ta' nies oħra li wkoll jgħixu fit-triq. Id-djakonija tal-parroċċa għenitha billi provditilha l-ikel, kamp biex tistkenn fih, xi ħwejjeġ, u anke post fejn Jane setghet tinħasel u taħsel ħwejjiġha. Wara ftit jiem aċċettat li bl-għajnuna tal-operatrici tad-djakonija ta' parroċċa oħra titkellem ma oħtha. Il-kamp irritorna l-istore. Jane bdiet proċess ta' fejqan emozzjonali sostnuta mill-familja, l-ħbieb u l-professjonisti. Peress li issa kellha fejn toqgħod, flok ikla sħuna bdiet tingħata hamper kull ħmistax sakemm reggħet ġiet fuq saqajha. Mà tax-xogħol tkellmet biss ma ħabiba tal-qalb. Biżżejjed.

DJAKONIJA



# Jackie għandha 3 itfal. 5 snin, 3 snin u sena u nofs. Ma tistax toħroġ taħdem għax ma għandiex min iżommilha t-tfal, imma t-tfal bil-bżonnijiet tagħhom. U anke hi jixirqilha d-dinjità u l-bżonnijiet tagħha.

Talbet l-għajnuna tal-parroċċa. Laqqajnieha mà social worker, biex din tagħmel assessment u tlaqqagħha mas-servizzi li jeżistu. Sadanittant il-parroċċa bdiet tipprovdilha għajnuniet bl-ikel, nappies, u bżonnijiet oħra fi djalogu mas-social worker.

Jackie ma kellhiex biex tħallas imma tgħin kif tista’. Mbagħad, darba fil-ġimgħa tiltaqa’ ma’ 3 ommijiet oħra u filwaqt li jgħidu kelma, jieħdu ħsieb it-tfal flimkien f’post provdut mill-parroċċa fejn ikunu akkumpanjati minn edukatriċi li flimkien magħhom tesplora pjanijiet kemm għall-iskola tat-tfal imma anke għall-edukazzjoni tagħhom, u xi xogħol biex isostnu l-famija tagħhom ladarba jkollhom ftit ħin.

DJAKONIJA



# Charles jgħix qisu homeless….imma għandu bieb biċ-ċavetta. Id-djakonija tal-parroċċa tiegħu tgħinu billi tipprovdilu ikel kuljum, takkumpanjah ghall-appuntamenti tas-saħħa u tipprovdilu ħwejjeġ skond iż-żmien.

Charles għandu 73 sena u jgħix go dar bla dawl. Illum ma joħrogx minn daru imma qabel ma tantx kien responsabbli meta kien iżgħar u kien jaħdem, u peress li halla jakkumulaw kontijiet imdaqqsin, is-servizz tal-elettriku qatgħuhulu. Is-sħana tas-sajf, u l-kesħa tax-xitwa jista' jtaffihom biss bit-tama f'xi żiffa, kutri eċċ. Saħħtu kkundizzjonata ħafna minn dan kollu.  Persuna fil-parroċċa tagħmillu ħasla ħwejjeg kull ġimgħa. Il-ħaddiema soċjali jipprovaw jgħinuh kif jistgħu imma bil-kontijiet pendenti li għandu Charles spiss isibu bibien magħluqin. Charles iġorr il-piż tan-nuqqasijiet tiegħu tal-passat, imma donnu s-soċjetà iddecidiet li tagħmilha tà mħallfa miegħu. Id-djakonija tal-parroċċa tipprova tadvoka għal din is-sitwazzjoni u oħrajn bħala filwaqt li tipprovdi lil Charles bil-bżonnijiet bażiċi u akkumpanjament fil-ħajja tà kuljum

DJAKONIJA